

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Ipproċessar Onlajn Ta' Każijiet U Komunikazzjoni Elettronika Mal-qrati](#) > [Belgium](#)

Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

 Belġju

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Din il-kwistjoni hija koperta mil-“liġijiet Phenix”, b’mod aktar speċifiku:

- il-Liġi tal-10 ta’ Lulju 2006 dwar proċedimenti legali mwettqa b’mezzi elettroniċi (*loi relative à la procédure par voie électronique*) (Gazzetta Uffiċjali Belġjana tas-7 ta’ Settembru 2006);
- il-Liġi tal-5 ta’ Awwissu 2006 li temenda ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ġudizzjarju għal proċedimenti legali mwettqa b’mezzi elettroniċi (*loi modifiant certaines dispositions du Code judiciaire en vue de la procédure par voie électronique*) (Gazzetta Uffiċjali Belġjana tas-7 ta’ Settembru 2006).

Il-liġijiet Phenix jafu isimhom lill-proġett tal-IT bl-istess isem li għandu l-għan li jipprovdi aċċess għall-kompjuter lill-qrati kollha fil-Belġju sabiex maż-żmien il-proċess legali kollu jkun jista’ jitwettaq b’mod elettroniku.

Mill-31 ta’ Diċembru 2012, żewġ liġijiet daħlu fis-seħħ gradwalment flimkien mal-liġijiet Phenix imsemmija hawn fuq. Dawn huma:

- il-Liġi tal-31 ta’ Diċembru 2012 li tistabbilixxi diversi dispożizzjonijiet, partikolarment fil-qasam tal-ġustizzja (*loi portant dispositions diverses, spécialement en matière de justice*);
- il-Liġi tal-31 ta’ Diċembru 2012 li tistabbilixxi diversi dispożizzjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja (*loi portant dispositions diverses en matière de justice*).

Madankollu, dan id-dħul fis-seħħ gradwali għadu ma jfissirx li l-proċedimenti legali jistgħu jitwettqu b’mod elettroniku, billi dawn id-dispożizzjonijiet huma prinċipalment dawk li jistgħu jiġu applikati wkoll għal proċedimenti legali bil-miktub. Il-proċedimenti legali mhux elettroniċi “konvenzjonali” għalhekk għalissa jibqgħu r-regola.

Sadanittant, ir-reġistri tal-qorti u s-segretarjati tal-prosekuzzjoni pubblika ġew ipprovduti b’applikazzjoni tal-IT għall-immaniġġar tal-każijiet li tippermettilhom jipproċessaw id-dokumenti u l-informazzjoni kollha b’mod elettroniku. Barra minn hekk, għadd ta’ għażliet qed jiġu studjati biex id-dokumenti proċedurali u l-evidenza jkunu jistgħu jiġu ppreżentati lir-reġistri tal-qorti b’mod elettroniku.

2 Jekk proċedura b’hal din teżisti, għal-liema tipi ta’ każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

Mhux applikabbli.

3 Din il-faċilità hija disponibbli f’kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat

ijjem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?

Mhux applikabbli.

4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovdu ti f'xi tip ta' format partikolari?

Mhux applikabbli.

5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?

Mhux applikabbli.

6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?

Mhux applikabbli.

7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?

Mhux applikabbli.

8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbew permezz tal-internet?

Mhux applikabbli.

9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?

Mhux applikabbli.

10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?

Mhux applikabbli.

11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?

Mhux applikabbli.

12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema

kundizzjonijiet jista' jsir?

L-Artikolu 32 ter tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire*) jipprovdi li kwalunkwe notifika jew komunikazzjoni jew kwalunkwe preżentata lill-qorti u lit-tribunali, lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jew lis-servizzi ġudizzjarji, inklużi r-reġistri tal-qorti u s-segretarjati tal-prosekuzzjoni pubblika, jew kwalunkwe notifika jew komunikazzjoni lil avukat, uffiċjal tal-qorti jew nutar mill-qorti jew mit-tribunali, mis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jew mis-servizzi ġudizzjarji, inklużi r-reġistri tal-qorti u s-segretarjati tal-prosekuzzjoni pubblika, jew minn avukat, uffiċjal tal-qorti jew nutar jistgħu jitwettqu bl-użu tas-sistema ġudizzjarja tal-IT.

Abbażi ta' din id-dispożizzjoni, in-network e-Box għe stabbilit għal notifiċi jew komunikazzjonijiet u għal preżentati, u s-sistema e-Deposit għet stabbilita b'mod aktar speċifiku għall-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet, sottomissjonijiet u evidenza f'materji ċivili u kriminali.

Dawn l-għodod jistgħu jintużaw biss fil-qorti elenkati f'ordni ministerjali.

13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?

Mhux applikabbli.

14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?

Mhux applikabbli.

15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?

Mhux applikabbli.

16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?

Mhux applikabbli.

17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?

Mhux applikabbli.

L-aħħar aġġornament: 10/02/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.